MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2616/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited
Bhala rapprezentatrici tas-socjeta assik-
Uratrici CGU Insurance plc kif surrogata
Fid-drittijiet tal-assikurat taghha Lawrence
Debattista u l-istess Lawrence Debattista**

**Vs**

**Claude Depasquale**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm270.10), in kwantu ghas-somma ta' Lm170 lis-socjeta assikuratrici u s-somma ta' Lm100 lill-attur, rapprezentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura numru EBA 515 fil-4 ta' Frar 2001 gewwa San Giljan habat mal-vettura numru YAL 001 propjeta ta'

Lawrence Debattista u kkaguna danni f'din l-istess vettura.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda u ra d-dokumenti li gew ezebiti.

Mill-atti jirrizulta li l-incident li huwa l-meritu ta' din il-kawza sehh unikament tort tal-konvenut. Kien il-konvenut li pprova jghaddi minn fuq in-naha tax-xellug ta' l-attur, manuvra li hija kontra r-regolament tat-traffiku. Fil-fatt mill-okkorrenza li ghamel il-pulizija li nvestiga l-kaz [fol. 2 – 4], jirrizulta li l-vettura misjuqa mill-attur [YAL 001] kienet tinsab quddiem dik misjuqa mill-konvenut. Fil-fehma tat-Tribunal il-manuvra tal-konvenut kienet il-kawza prossima ta' l-incident, li min-naha tieghu naqas milli jidher u jressaq provi kontradittorji ghal dawk li ressqu l-atturi.

Fir-rigward tad-danni reklamati, dawn ukoll gew sodisfacentement ippruvati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm270.10), in kwantu ghal Lm170 lis-socjeta attrici u l-bilanc lill-attur Lawrence Debattista. L-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali li giet prezentata fl-24 ta' Ottubru 2001 u fin-nuqqas mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------